MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 189/2005

**E. Grech Cristal Bath Limited**

**vs**

**Michele Peresso Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' April tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, sitt mija u sebgha u disghin Lira Maltin u sitt centezmi, (LM3, 697.06,0), jew somma ohra verjuri lokwidata jekk hemm bzonn bil-hatra ta' perit nominandi, rapprezentanti kumpens dovut wara li s-socjeta'

konvenuta appoggjat ma' proprjeta' tas-socjeta attrici u dan peress illi s-socjeta' konvenuta ghamlet xi xoghlijiet fil-fond taghha ghalqa fi Triq Psaila, Birkirkara, u fost hwejjeg ohra, wahhlet membrane tul il-hajt divizorju kollu kif ukoll gholliet il-livell ta' l-art billi serrhet u poggiet terrapien u hamrija niedja ma' l-istess hajt dovizorju, proprjeta' tas-socjeta' istanti;

2. Bl-imghax legali u bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta biex tidher in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti;

1. Illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta tirrileva lil din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' t-talbiet tas-socjeta' attrici u dan in virtu ta' l-artikolu 47 (3) tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi t-tqeghid ta' terrapien fl-art tals-socjeta' konvenuta ma jammontax ghall-appogg kif pretiz mis-socjeta' attrici;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l s-socjeta' konvenuta ma aggoggjatx tal-hajt divizorju u t-tqeghid ta' membrane kien a beneficcju tas-socjeta' attrici u mhux ghas-socjeta' konvenuta;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet rigward l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi decizjoni preliminari limitata ghall-ewwel eccezzjoni li ssostni li din il-qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tipprocedi b'din il-procedura in virtu' ta' l-artikolu 47 (3) tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

" … il-kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta' ta' beni immobbli, servitujiet, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li l-pretensjoni ma tkunx tiskorri l-hamest elef Lira, ma jidhlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Illi in sosten tal-kuntrarju, is-socjeta' attrici pprezentat nota kontenenti diversi decizjonijiet li jippromwovu t-tezi taghha f'dan l-istadju, senjatament li din il-qorti tista' xorta wahda tipprocedi sad-decizjoni finali;

Illi hi pero' l-fehma ta' din il-qorti li l-veru peru ta' din il-vertenza preliminari hi elffettivament ibbazata fuq l-indagini jekk is-socjeta' konvenuta kellhiex fil-fatt l-intenzjoni li bl-azzjoni taghha takkwista l-komunjoni tal-hajt in dizamina, ( ara Prim'Awla: 25 ta' Jannar, 1960, Scicluna vs Conti);

Ikkunsidrat:

Illi in effetti, fil-limiti tal-esposizzjoni tal-fatti kif maqbula mill-istess partijiet fil-verbal konguntiv taghhom datat id-29 ta' Novembru tas-sena 2005, jirrizulta li s-socjeta' attrici ma pprovatx li s-socjeta' konvenuta, bl-agir taghha, uriet xi intenzjoni li tirrendi ruhha ko-proprjetarja tal-hajr de quo u ghalhekk awtomatikament attirata fir-responsabbilitajiet naxxenti mill-assunzjoni tal-proprjeta';

Illi in oltre, tal-analizi mhux possibbli li jsir fil-limiti gurisdizzjonali odjerni stante li huma rizervati ghall-forum iehor u allura din il-qorti ma tirrizultax kompetenti rationae materiae;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjoni preliminati tas-socjeta’ konvenuta tiddikjara li mhix kompetenti tipprocedi ulterjorment bil-kawza odjerna u konsegwentement tiddikjara l-procediment ezawrit.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------